

31998L0036

12.6.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 167/23

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 98/36/KE**tat-2 ta' Ġunju 1998****li temenda d-Direttiva 96/5/KE dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Mejju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar oġġetti ta' l-ikel intenzjonati għal użu nutrizzjonali partikolari⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 96/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel dwar id-disposizzjonijiet li jistgħu jħallu effett fuq is-saħħa pubblika;

Billi l-kriterji essenzjali ta' komposizzjoni għal ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel għat-trabi huma speċifikati fl-Annessi I u II rispettivament għad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/5/KE⁽³⁾:

Billi, minħabba l-komposizzjoni nutrittiva partikolari u l-karatteristiċi kimiċi, fiżiċi u organolettiċi tal-ġobon, kieku l-prodotti magħmulin mill-ġobon u ingredjenti oħra kellhom isiru b'mod li jissodisfaw il-ħtiġiet tal-proteina stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 96/5/KE, kien ikollhom kontenut ta' xaħam għoli wisq u jkunu ta' togħma ħażina għat-trabi u għat-tfal żgħar;

Billi għalhekk il-ħtieġa ta' proteina għal dawk il-prodotti għandha terġa' tiġi definita;

Billi l-bosta drawwiet kulinari fil-Komunità wasslu għat-tqegħid fis-suq ta' zlazi wżati bħala akkompanjament ma' ikla li huma organolettikament importanti iżda mhux sinifikanti bħala kontribut nutrittiv; billi għalhekk dawn iz-zlazi għandhom ikunu eżenti mill-ħtiġiet tal-proteini fl-Anness II;

Billi l-livelli massimi għal ċerti sustanzi miżjuda għal għanijiet nutrittivi huma stabbiliti fl-Annessi tad-Direttiva 96/5/KE; billi l-Artikolu 5 tad-Direttiva 96/5/KE jipprovdi li l-livelli massimi, flimkien ma' dawk diġà stipulati, għandhom jiġu stabbiliti fejn meħtieġ;

Billi id-Direttiva 96/5/KE għandha tiġi emendata bix-xieraq;

Billi l-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi tad-Direttiva 96/5/KE huma emendati kif jidher fl-Anness għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1998. Għandhom jinformat minnufih lill-Kummissjoni b'dan. Dawk il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi għandhom jiġu applikati b'mod li:

- jippermettu l-kummerċ fi prodotti li huma konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1999,
- jipprojbixxu l-kummerċ ta' prodotti li mhumiex konformi ma' din id-Direttiva, b'effett mill-1 ta' Jannar 2000.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal referenza bħal din għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Ġunju 1998.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 186, tat-30.6.1989, p. 27.

⁽²⁾ ĠU L 48, tad-19.2.1997, p. 20.

⁽³⁾ ĠU L 49, tat-28.2.1996, p. 17.

ANNEX

L-Annessi ta' din id-Direttiva 96/5/KE huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness II, sezzjoni 1, għandu jizjed dan li ġej:

“1.3a. Jekk il-ġobon jissemma flimkien ma' ingredjenti oħra fl-isem ta' xi prodott *savoury*, kemm jekk il-prodott huwa ppreżentat bħala ikla kif ukoll jekk le, allura:

- il-proteina mis-sorsi tal-ħalib ma għandhiex tkun inqas minn 0,5 g/100 kJ (2,2 g/100 kcal),
- il-proteina totali fil-prodott mis-sorsi kollha ma għandhiex tkun inqas minn 0,7 g/100 kJ (3 g/100 kcal).”

“1.4a. Zlazi ppreżentati bħala akkompanjament ma' ikla huma eżenti mill-ħtiġiet ta' sezzjonijiet 1.1 sa 1.4 inklużi.

1.4b. Platti tal-ħelu li jsemmu prodotti tal-ħalib bħala l-ewwel jew l-uniku ingredjent fl-isem għandu jkollhom mhux anqas minn 2,2 g ta' proteina tal-ħalib/100 kcal. Il-platti tal-ħelu kollha l-oħra huma eżenti mill-ħtiġiet f'1.1 sa 1.4.”

2. L-Anness VI li ġej huwa miżjud:

“L-ANNEX VI

Il-limiti massimi għal vitamini, minerali u oligoelementi, jekk miżjuda, f'ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar

Il-ħtiġiet dwar nutrijenti jirreferu għall-prodotti lesti għall-użu, imqiegħda fis-suq bħala tali jew rikostitwiti skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant, għajr għall-potassju u l-kalċju li għalihom il-ħtiġiet jirreferu għall-prodott kif mibjuġh.

Nutrijent	Massimu għal kull 100 kcal
Vitamina A (µg RE)	180 ⁽¹⁾
Vitamina E (mg a-TE)	3
Vitamina Ċ (mg)	12,5/25 ⁽²⁾ /125 ⁽³⁾
Tiamina (mg)	0,25/0,5 ⁽⁴⁾
Riboflavina (mg)	0,4
Niaċina (mg NE)	4,5
Vitamina B6 (mg)	0,35
Aċidu Foliku (µg)	50
Vitamina B12 (µg)	0,35
Aċidu Pantoteniku (mg)	1,5
Biotina (µg)	10
Potassju (mg)	160
Kalċju (mg)	80/180 ⁽⁵⁾ /100 ⁽⁶⁾
Manjesju (mg)	40
Hadid (mg)	3
Żingu (mg)	2
Kupru (µg)	40
Jodju (µg)	35
Manganiż (mg)	0,6

⁽¹⁾ Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Annessi I u II.

⁽²⁾ Limiti applikabbli għall-prodotti msaħħin bil-ħadid.

⁽³⁾ Limiti applikabbli għall-platti b'bażi ta' frott, frott magħsur, nettari u hxjejjex magħsura.

⁽⁴⁾ Limiti applikabbli għall-ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali.

⁽⁵⁾ Limiti applikabbli għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(a)(i) u (ii).

⁽⁶⁾ Limiti applikabbli għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(a)(iv)”